

**Brussell, 1 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)**

**15945/23**

**AGRI 741  
AGRIFIN 143  
FIN 1235**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rapport Speċjali 19/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija - standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat <i>- Approvazzjoni ta' abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

---

1. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta struzzjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrofinanzjarji (Grupp ta' Ħidma AGRIFIN) biex jeżamina r-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri (id-dokument 7515/00 + COR 1).
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN iddiskuta r-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq kif ukoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dak ir-rapport.
3. Fid-dawl ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Presidenza fasslet abbozz ta' konklużjonijiet (id-dokument 15403/23) u ppreżentathom lid-delegazzjonijiet għal konsultazzjoni informali bil-miktub. Abbażi tal-kummenti li rċeviet, il-Presidenza emendat l-abbozz ta' konklużjonijiet u ppreżentathom fil-laqgħa tal-AGRIFIN fl-1 ta' Diċembru. Il-laqgħa qablet mal-verzjoni emendata tal-abbozz ta' konklużjonijiet, kif tinsab fl-Anness.

4. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Meju 2000, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa b'dan mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota bħala punt "A" f'sessjoni li jmiss.
-

Abbozz finali ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali 19/2023 tagħha bit-titlu:**

***"L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija: standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat"***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali 19/2023 tal-Qorti bit-titolu "*L-isforzi tal-UE għal ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija: standards mhux ambizzjużi u mmirar limitat*", li jivvaluta jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlux użu effettiv mill-miżuri tal-PAK 2014-2022 għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u d-demel u jekk l-azzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni tad-demel meħuda fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati kinux effettivi;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tirrevedi u tirrapporta dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-istandards u tivvaluta r-riżultati tal-implimentazzjoni tagħhom, biex tirrapporta dwar l-immirar tal-miżuri volontarji tal-PAK fuq l-aktar problemi urġenti tal-ħamrija lokali, biex tillimita l-użu ta' derogi u tirrevedi objettivi konfliġġenti f'oqsma oħra ta' politika u biex ittejjeb id-data konsolidata fil-livell tal-UE, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. JINNOTA li l-preservazzjoni tal-ħamrija qed issir aktar importanti fil-perjodu l-ġdid tal-PAK 2023-2027, b'mod partikolari permezz ta' kundizzjonalità msaħħa, ekoskemi ġodda taħt l-ewwel pilastru u miżuri volontarji taħt it-tieni pilastru;
4. JAQBEL dwar l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar in-Nitrati u l-kisba tal-objettiv tagħha fil-pajjiżi kollha tal-UE, inkluż fl-Istati Membri li ngħataw derogi ġustifikati minħabba l-ispeċifitàjiet tagħhom;
5. JIRRIKONOXXI l-kontribut importanti tad-Direttiva dwar in-Nitrati fit-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti mill-agrikoltura u, f'dan il-kuntest, JIEĦU NOTA tal-Mira tal-Patt Ekoloġiku li jitnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'50 % sal-2030;

6. JINNOTA l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex tindirizza l-lakuni fid-data u biex ittejjeb il-kwalità tad-data miġbura u/jew offruta b'mod volontarju mill-Istati Membri għall-perjodu 2020-2023 u sakemm il-ġbir tad-data dwar il-bilanċi gross tan-nutrijenti jsir obbligatorju fl-2026.
-